**7 ta' Lulju, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D. A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

George Papagiorcopulo

*versus*

Jimmy Magro *et*

## Digriet ta' Deżerzjoni

*Digriet ta' deżerzjoni mogħti fit-termini ta' l-artikolu 963 tal-Kap. 12 jittratta dwar l-għeluq tal-proċedura bil-miktub u għandu allura jiġi bi preċiżjoni definit f'liema mument għandu jitqies li dawn il-proċeduri ġew magħluqa. Jekk issir risposta għar-rikors ta' l-appell fi żmien stabbilit ma jkunux jokkorru l-elementi li jiġġustifikaw il-komminazzjoni tad-dispost tad-deżerzjoni.*

Il-Qorti:-

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat is-segwenti digriet ta' deżerzjoni ta' l-1 ta' Novembru, 1995 b'din il-motivazzjoni:

"*Il-Qorti*:-

Wara li rat l-artikolu 963 tal-Kap. 12 kif emendat bl-artikolu 350 ta' l-Att XXIV ta' l-1995, u wara li kkonstatat illi ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fit-12 ta' Diċembru, 1994 u sal-lum l-attur baqa' ma ġiex innotifikat bl-appuntament tal-kawża u lanqas ta ruħu b'notifikat bl-istess appuntament tal-kawża, tiddikjara l-kawża deżerta fit-termini tal-preċitati artikoli tal-liġi";

L-attur hekk spjega l-aggravju tiegħu:

"Illi l-Ewwel Qorti rat l-artikolu 963 tal-Kap.12, kif emendat bl-Att XXIV ta' l-1995, u kkonstatat illi ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fit-12 ta' Diċembru, 1994 u li sad-data tad-digriet ta' l-attur baqa' ma ġiex innotifikat bl-appuntament tal-kawża u lanqas ta ruħu b'notifikat bl-istess appuntament tal-kawża;

L-artikolu 963 ma jirregolax u ma jittrattax il-kwistjoni in eżami. "Il-fatt li l-attur jew l-appellant ma jkunux ġew innotifikati bil-jum stabbilit għall-kawża ..." hija rregolata mill-artikolu 965 (b) tal-Kap. 12 (kif emendat bl-artikolu 352 ta' l-Att XXIV ta' l-1995) u mhux mill-artikolu 963;

*L-artikolu 963 jittratta u jirregola l-għeluq tal-proċeduri* bil-miktub f'kawża. Dawn il-proċeduri bil-miktub ġew konklużi meta l-konvenuti ppreżentaw in-nota ta' eċċezzjonijiet tagħhom;

Għalhekk l-appellant jissottometti li l-artikolu 963 tal-Kap. 12 ma japplikax għall-każ in eżami;

Mhux il-każ illi wieħed jittratta jekk xi artikolu ieħor tal-Kap. 12 japplikax għall-każ in eżami u ċjoè jekk l-Ewwel Qorti kkwotatx numru ta' artikolu flok ieħor;

F'kull każ però l-artikolu 965 - li jirregola l-kwistjoni in eżami - ma setax jiġi applikat billi:

L-avukat ta' l-attur qatt ma ġie mgħarraf bir-riferta negattiva mill-purtier u għalhekk it-terminu ma jibdix jiskatta;

L-*iter* stabbilit f'dan l-artikolu tal-liġi ma ġiex segwit u għalhekk l-Ewwel Qorti lanqas setgħet taqbeż l-istadji imposti *mil-liġi u tagħti d-digriet li tat*";

Dan l-appell jirriżulta ġustifikat u l-ilment ta' l-appellant hu ġuridikament korrett u konformi mal-liġi. Din il-Qorti tqis li dan id-digriet ta' deżerzjoni hu espressament mogħti fit-termini ta' l-artikolu 963 tal-Kap. 12, kif emendat, li jittratta dwar "l-għeluq tal-proċedura bil-miktub", u għandu allura jiġi bi

preċiżjoni definit f'liema mument għandu jitqies li l-proċeduri bil-miktub, quddiem l-Ewwel Qorti, ġew magħluqa. Dan l-artikolu jiddisponi illi f'kull kawża l-proċedura bil-miktub għandha titqies li tiġi magħluqa fil-Qorti ta' l-ewwel grad fi żmien perentorju ta' sitt xhur u fil-Qorti fi grad ta' l-appell fi żmien perentorju ta' sena. Skond is-subinċiż 2 ta' l-istess artikolu, il-Qorti ta' l-ewwel grad, li hu l-każ taħt eżami, iż-żmien jibda għaddej minn dak in-nhar tal-preżentta taċ-ċitazzjoni, waqt li fil-Qorti fi grad ta' appell, minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors ta' appell għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata. It-temrinu "għeluq tal-proċedura" għandu, fil-liġi, sinifikat preċiż mogħti lilu fl-artikolu 146 (1) u fl-artikolu 158 (12) tal-Kap. 12. L-artikolu 146 (1) jiddisponi illi l-proċedura bil-miktub, quddiem il-Qorti fi grad ta' appell, titqies magħluqa bit-tweġiba għar-rikors u, fin-nuqqas ta' tweġiba, bl-għeluq taż-żmien mogħti għaliha. Terminu li jiġi estiż għal żmien li fih kellha ssir ir-risposta f'każ ta' appell inċidentali. *Għandu għalhekk ikun ċar illi d-deżerzjoni ta' l-appell* <u>skond din id-disposizzjoni</u>, hija relatata biss mal-preżentata ta' l-<u>atti</u> bil-miktub, fi żmien stabbilit u mhux man-notifika ta' l-avviż ta' l-appuntament għas-smigħ. L-element ta' notifika tar-rikors promotur ta' l-appell hu biss inċidentalment relevanti in kwantu fin-nuqqas tagħha diffiċilment tista' ssir risposta għaliha fil-ħin. Anke jekk mhux eskluż li tista' ssir risposta bla ma jkun hemm notifika formali ta' l-att. Jekk issir risposta għar-rikors ta' l-appell fi żmien stabbilit ma jkunux jokkorru l-elementi li jiġġustifikaw il-komminazzjoni tad-dispost tad-deżerzjoni fit-termini ta' l-artikolu 963 tal-Kap. 12. L-istess kunċett fil-liġi japplika ukoll fil-każ ta' proċeduri inizjati permezz ta' ċitazzjoni. Anke hawn id-dekors tat-terminu għall-fini ta' deżerzjoni tal-kawżi skond l-artikolu 963 kellu jiġi marbut biss mat-terminu stabbilit għan-nota ta' l-eċċezzjonijiet kif dispost fis-subinċiż 12 ta' l-artikolu 158. Dan jiddisponi espressament illi mal-preżentata tan-nota ta' eċċezzjonijiet jew malli jagħlaq iż-żmien stabbilit fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu (li

jistabbilixxi terminu ta' għoxrin jum mid-data tan-notifika) il-proċeduri bil-miktub preliminari għandhom jitqiesu li huma magħluqa. Dan għandu jkun il-mument rilevanti għall-fini ta' l-artikolu 963 u mhux il-fatt jekk ikunx ġie jew le nnotifikat il-konvenut jew anke l-attur innifsu bl-avviż għall-ewwel smiegħ;

Issa hu korrett li jingħad li l-artikolu 963 (5) jipprovdi li, bla ħsara tad-disposizzjonijiet tas-subinċiż 2 ta' l-artikolu 732, il-każi li l-proċeduri bil-miktub tagħhom ma jiġux magħluqa *fiż- żmien hawn fuq imsemmi jitqiesu deżerti. Dan però jista'* jfisser biss, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, illi l-liġi tqis li l-proċeduri bil-miktub ma jkunux ġew magħluqa fil-każ ta' proċeduri mibdija permezz ta' att ta' ċitazzjoni jekk ma tkunx ġiet ippreżentata n-nota ta' l-eċċezzjoni fi żmien sitt xhur minn meta tkun ġiet intavolata ċ-ċitazzjoni, naturalment wara li jkun ġie biha nnotifikat fi żmien utili b'dak it-terminu l-konvenut. Iċ-ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għad-deżerzjoni skond l-artikolu 963 bl-ebda mod ma jirreferu allura għan-notifika ta' l-avviż għas-smigħ;

Infatti hu interessanti d-dispost ta' l-artikolu 732 (2) li jipprovdi li l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni ta' kawża titqies li ġiet irrinunzjata jekk ma tingħatax qabel kull eċċezzjoni perentorja oħra. Dan is-subinċiż jikkonferma illi d-deżerzjoni taħt l-artikolu 963, meta tiġi ssollevata bħala eċċezzjoni mill-parti *konvenuta, għandha tingħata qabel kull eċċezzjoni perentorja* oħra u allura fin-nota ta' eċċezzjonijiet. Dan ifisser illi ċ-ċirkostanzi li jagħtu lok għad-deżerzjoni taħt dan l-artikolu jridu jkunu avverraw ruħhom fil-mument meta l-konvenut ikun bil-liġi obbligat li jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet u mhux wara. Dan għaliex altrimenti l-konvenut ikun diġà ppreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu (li jkunu jinkludu dawk perentorji tal-meritu) billi l-konvenut hu issa bl-emendi obbligat jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu kollha f'salt fin-nota. Infatti, hekk ġara fil-każ taħt eżami. Il-konvenut ippreżenta n-nota ta' l-

eċċezzjonijiet tiegħu fis-26 ta' Jannar, 1995 sewa entro t-terminu ta' sitt xhur stabbilit bil-liġi għall-għeluq tal-proċeduri bil-miktub. F'din in-nota hu ta diversi eċċezzjonijiet, kemm ta' natura dilatorja kif ukoll perentorji, tal-meritu. Kien biss fis-seduta ta' l-1 ta' Novembru, 1995 li hu ssolleva l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni ta' l-atti. Eċċezzjoni li *stricto iure* kellha allura f'kull każ tiġi meqjusa li ġiet irrinunzjata *ai termini* tas-subinċiż 2 ta' l-artikolu 732 għaliex ingħatat wara li l-konvenut kien ta eċċezzjonijiet oħra ta' natura perentorja;

Minn dawn il-konsiderazzjonijiet jidher illi d-digriet appellat jirriżulta mhux konformi mal-liġi in kwantu jallaċċja l-artikolu 963 tal-Kap. 12 mal-fatt li l-attur baqa' ma ġiex innotifikat bl-appuntament tal-kawża u lanqas ta ruħu b'notifikat bl-istess appuntament fit-terminu statutorjament stabbilit bl-artikolu 963. Fl-aggravju tiegħu l-appellant jispekula illi l-Ewwel Qorti setgħet forsi kellha ħsieb tiċċita artikolu ieħor minflok dak ikkunsidrat f'din is-sentenza u minnha ċċitat bħala l-bażi għall-għoti ta' digriet ta' deżerzjoni. Mhux il-każ li din il-Qorti tikkunsidra din il-parti ta' l-aggravju li tirriżulta għal kollox superfluwa fid-dawl tad-deċiżjoni li waslet għaliha din il-Qorti fl-interpretazzjoni ta' l-artikolu 963 iċċitat mill-Ewwel Qorti;

Jingħad biss li anke s-sottomissjonijiet ta' l-appellant fir-rigward tan-notifika ta' l-avviż tas-smigħ tar-riferta tal-marixxal u t-tagħrif tal-konsulent legali ta' l-appellant mir-riferta negattiva tal-purtier kif ukoll dwar il-fatt illi l-Ewwel Qorti f'kull każ ma segwietx l-*iter* proċedurali, mil-liġi stabbilit, jirriżultaw li huma sostanzjalment korretti;

Għal dawn il-motivi, l-appell qed jiġi milqugħ u konsegwentement din il-Qorti tiddikjara li d-digriet ta' l-1 ta' Novembru, 1995 li bih l-Ewwel Qorti ddikjarat il-kawża deżerta

bħala proċeduralment irritu u għalhekk qed tħassru u tannullah. Din il-Qorti qed tirrinvija l-kawża quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tkompli tiġi ttrattata u deċiża. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a kariku tal-konvenuti appellati.

---